MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Numru 47/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Steve Xuereb**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Steve Xuereb (bin Francis u Victoria nee Sultana, imwieled fit-23 ta' Lulju 1986 u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 32886G) talli fil-25 ta' Novembru 2008 ghall-habta tat-3.30 pm fil-Lunzjata, limiti tal-Fontana, Ghawdex (**1**) spara fuq hamiem jew bciecen li ma jkunux tal-barr u li kienu ta' haddiehor (Joseph Curmi), u (**2**) talli fl-istess cirkostanzi waqt stagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur (hamiem), b'senter tal-ghamla Breda, seriel no P12615, li ma huwiex inkluz u elenkat fit-taqsima A tal-Iskeda II.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-3 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Steve Xuereb hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' erba' mitt ewro (€400), kif ukoll ordnat il-konfiska tad-dokumenti B (l-iskratac ezibiti) u C (l-arma tan-nar tal-marka Breda).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Steve Xuereb, minnu pprezentat  fit-18 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; zammet anke access fuq il-post tal-allegat reati; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant ghandu sitt aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti, l-appellant ma setax jinstab hati kif effettivament instab, u dan minhabba konflitt serju ta' provi, u li ghalhekk ma kienx hemm prova skond il-ligi li huwa fil-fatt spara fuq il-hamiem ta' Curmi. It-tieni aggravju – li huwa proprjament sfumatura tal-ewwel wiehed – hu fis-sens li l-post fejn sehhew l-allegati reati ma huwiex identifikat sufficjentement. L-appellant jghid li fil-gurnata in kwistjoni hu kien qed jikkaccja fl-inhawi maghrufa bhala "tax-Xaghri" u mhux "tal-Lunzjata". It-tielet aggravju hu maghmul jikkonsisti filli t-tieni imputazzjoni ma tipotizzax reat, u dan peress illi t-Taqsima A tat-Tieni Skeda tal-A.L. 146/93 (li ghaliha donnha t-tieni imputazzjoni tirreferi) ma kienitx ghadha fis-sehh f'Novembru tal-2008, mentri d-dispozizzjonijiet applikabbli dak in-nhar kienu dawk tal-A.L. 79/2006 (kif sussegwentement emendati) (illum L.S. 435.68). Ir-raba' aggravju hu li "l-ewwel akkuza bl-ebda mod ma taqa' u ma tinstabx fil-ligijiet kwotati fis-sentenza." (is-sentenza tikkwota r-Regolament 18(1)(b) tal-A.L. 79/2006). Il-hames aggravju hu maghmul jikkonsisti filli "il-prosekuzzjoni kellha ggib il-prova dwar it-tip ta' hamiem in kwistjoni u ta' min hu ezattament dan il-hamiem", prova li, skond l-appellant, baqghet ma ngabitx. Finalment, is-sitt aggravju hu limitat ghall-piena, fis-sens li l-appellant

jilmenta li l-piena fuqu inflitta kienet eccessiva, u li fi kwalunkwe kaz ma kellux ikun hemm il-konfiska tal-arma.

**6.** Issa, huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat kontravvenzjonali ravvizat fl-Artikolu 340(a) tal-Kap. 9 – cioe` il-kontravvenzjoni kontra l-proprjeta` maghmula minn min “jispara fuq hamiem jew bciecen li ma jkunux tal-barr u li jkunu ta’ haddiehor.” It-tieni imputazzjoni, invece, tipotizza r-reat kontemplat fir-regolament 18(1)(b) tal-A.L. 79/06 (L.S. 435.68) – cioe` reat ta’ min “waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta’ l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, jikkaccja jew jipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fl-Iskeda II [ta’ dawk ir-regolamenti].”

**7.** L-incident in kwistjoni sehh meta l-appellant kien, fil-gurnata u fil-hin indikat fl-imputazzjoni, ghall-kacca f’post li jigi faccata (ghalkemm ‘il boghod mhux hazin) mir-residenza ta’ Joseph Curmi. Curmi jghid li l-appellant spara zewg tiri u waqqa’ tnejn minn xi erba’ hamimiet tal-giri li kien qed itajjar ibnu. L-appellant jichad dan kategorikament, u jghid li hu spara biss fuq xi strunell.

**8.** Jibda biex jinghad li l-isem ezatt tal-post fejn gara – jew ma garax – dan kollu huwa rrelevanti. Jissejjahx “tal-Lunzjata” jew “tax-Xaghri” ma jaghmilx differenza, ghax l-appellant, anke bhala imputat, kien jaf ezattament b’liema u dwar liema incident kien qed jigi akkuzat. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa wiehed altament fieragh.

**9.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet tax-xiehda kollha (inkluz l-appellant), kif ukoll naturalment dawk moghtija fid-diversi konfronti mizmuma, u, wara li hadet in konsiderazzjoni dak kollu msemmi fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9, hi tal-fehma li l-verzjoni moghtija minn Joseph Curmi w ibnu hija l-verzjoni ta’ kif effettivament sehhew l-affarijiet. Waqt l-access din il-Qorti setghet tikkonstata li effettivament hemm zewg duriet involuti – dik li tidher sew mill-bejt tad-dar ta’ Curmi mnejn l-appellant spara, u ohra, li ma tidhirx minn dan il-bejt, li ghaliha huwa rtira wara li gabar il-hamiem (li pero` qatt ma nstab) u fejn mar ikellmu l-imsemmi Curmi. Dak li, pero`, ma jirrizultax

sufficjentement pruvat – u ghalhekk f’dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Qorti Inferjuri – huwa dwar dak li effettivament intlaqat, u li, kif inghad, qatt ma nstab. Biex ikun hemm htija skond it-tieni imputazzjoni irid jirrizulta pruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi penali u cioe` lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-hamiem li waqqa’ l-appellant ma kienux tat-tip *columba palumbus* (l-i*streptopelia turtur* jew *turtle dove* ma tidholx fl-ekwazzjoni f’dan il-kaz ghax dak li qed jigi allegat, u li din il-Qorti hi sodisfatta li gara, hu li l-appellant spara fuq <u>hamiem</u>). Ghalkemm Curmi jghid li dawn il-hamiem li kien qed itajjar ibnu kienu tat-tigrija u li jiswew il-flus, ma sar l-anqas l-icken tentattiv da parti tal-prosekuzzjoni biex tipprova tistabilixxi li l-hamiem in kwistjoni ma kienx tat-tip hawn aktar ‘il fuq imsemmi. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

**10.** Tirrizulta pruvata, invece, l-ewwel imputazzjoni li, kif inghad, tipotizza r-reat (kontravvenzjoni kontra l-proprjeta`) kontemplat fl-Artikolu 340(a) tal-Kodici Kriminali.

**11.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, u minnha tilliberah; thassarha u tirrevokha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu €400 u fejn ordnat il-konfiska tal-iskratac u tas-senter; izda tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellant instab hati skond l-ewwel imputazzjoni; u minflok il-piena erogata mill-ewwel qorti, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ hamsa w hamsin ewro (€55), konvertibbli f’erbat (4) ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------